# ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

## OFFERTA GĦALL-PAPA 2016

Fil-Quddies kollu li jiġi ċċelebrat fil-knejjes tal-Arċidjoċesi tagħna nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd 25 u 26 ta' Ġunju sejra ssir il-ġabra magħrufa bħala l-"Offerta ta' San Pietru".

B'din il-ġabra nkunu wkoll qegħdin nuru l-imħabba tagħna lejn il-Papa Franġisku u ngħinuh biex ikun jista' jifrex dejjem aktar il-ħidmiet tiegħu ta' Ragħaj tal-Knisja Universali permezz ta' għotjiet ta' karità mad-dinja kollha ma' ħutna l-aktar fil-bżonn, speċjalment ma' dawk milqutin minn xi emerġenza, diżastru naturali jew gwerra.

Nixtiequ nħeġġu lil kulħadd biex fil-ġabra nkunu ġeneru\i kif dejjem konna. B'hekk inkunu wkoll nuru l-għaqda tagħna mal-Papa Franġisku u naqdu dmirna ta' karità lejn ħutna fil-bżonn.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 13 ta' Ġunju 2016.

| | |
|---|---|
| Lawrence Gatt | Joe Galea Curmi |
| Kanċillier | Vigarju Ġenerali |